MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 452/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta'**
**l-assikurat taghha Vincent Vella abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comrehensive* u tal-Ligi u l-istess Vincent Vella**

**Vs**

**Cyril Johnson**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm2814.52 (elfejn tmien mija u erbatax-il Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu jew somma ohra verjuri, in kwantu ghall-ammont ta' elfejn seba' mija u disgha u tmenin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu

(Lm2789.52) jew somma ohra verjuri, lis-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Vincent Vella, assigurat taghha, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta’ attrici, u in kwantu ghas-somma ta’ hamsa u ghoxrin Lira Malta (Lm25.00), lill-attur Vincent Vella, ammont rapprezentanti excess payment skond il-polza ta’ assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilisitku li sehh fil-5 ta’ Novembru 2001 ghall-habta ta ‘ 4.00p.m. gewwa Triq Regjonali, Santa Venera, bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BAG 507 proprjeta ta’ l-attur Vincent Vella u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni ABI 505, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta ‘ l-ittra ufficjali li giet mibghuta ma’ l-avviz lis-socjeta’ Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Marzu 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta' Lm2789.52,0 u lill-attur Vincent Vella s-somma ta’ Lm25.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-25 ta’ Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi

dawk tal-ittra uficjali tal-10 ta’ Settembru 2003, imsemmija fl-avviz in esami.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------